MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 121/2003

**L-Avukat Dottor Hugh Peralta bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera "Azuliber S.A." ta' Spanja**

**vs**

**VG Tiles Company Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-24 ta' Frar tas-sena 2003 li permezz tieghu l-attur nomine sejjah lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:**

**1. Thallas is-somma ta’ LM2446.00,0 rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta’ merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta fuq ordni u inkarigu tas-socjeta’ konvenuta;**

**2. Bl-imghax u bl-ispejjez kollha inkluz dawk tal-mandati kawtelatorji prezentati kontestwalment ma’ dan l-avviz, kollox kontra s-socjeta’ konvenuta, li minn issa r-rapprezentanti taghha huma ngunti in subizzjoni;**

**Rat in-nota tas-socjeta’ konvenuta datata l-14 ta’ Marzu tas-sena 2003 li permezz taghha ammettiet it-talbiet attrici kif dedotti;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tilqa’ t-talbiet attrici u tordna lis-socjeta’ konvenuta VG Tiles Company Limited thallas l-ammont ta’ elfejn erba’ mija u sitta u erbghin Lira Maltin, (LM2446.00,0), lill-attur nomine l-Avukat Dottor Hugh Peralta bhala mandatarju specjali tas-socjeta’ estera “Azuliber S.A.” ta’ Spanja, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.**

-------------------------------TMIEM-------------------------------